MARSAXLOKK

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## Laqgħa b'urgenza tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar l-Erbgha 10 ta' Gunju 2015, fis-1:00 p.m.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum id-9 ta' Gunju 2015
Nru 4

## Agenda

1. **Latrini Pubblici**

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta b'urgenza nru 4, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 10 ta' Gunju 2015, f'nofsinhar.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Vici-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Stephen Caruana (S.C..)<br>Janice Chetcuti ( J.C.)<br>Daniel Zerafa (D.Z.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 0

**Agenda ghal-laqgha :**

---

1. Latrini Pubblici

**Talba**

Is-Sur Horace Gauci flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**04/01** **Qari tal-Minuti**

04/01/01 Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera prezenti illi flimkien mal-Vici-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv kien zamm laqgha li kienet giet mitluba mid-direttur tal-Cleansing Services Department fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura li matulha l-Kunsill Lokali kien gie infurmat illi l-istess Dipartiment kien ser ikun qieghed iwaqqaf is-servizz ta'attendants li kien qieghed joffri lill-Kunsill Lokali ghal-latrini pubblici b'effett mill-10 t'Awissu 2015.

Is-Sur Gauci zied jghid illi ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali kien qieghed jigi ffaccjat b'sitwazzjoni fejn b'effett mid-data imsemmija ma kienx ser ikollu min jiehu hsieb iz-zamma tal-latrini pubblici. Segwiet diskussjoni libera li matulha gew diskussi fost affarijiet ohra l-possibilita' illi tinhareg sejha ghall-offerti u gie ikkwantifikata c-cifra ekonomika li tali mizura kienet iggib maggha.

Finalment fuq proposta tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Horace Gauci u li ghaddiet b'votazzjoni unanima, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel kuntatt mal-Korporazzjoni ghax-xoghol u t-tahrig sabiex issir talba halli kemm il-darba ikun possibbli, jinghataw erba' haddiema lill-Kunsill Lokali taht l-iskema 'Community Works Scheme', liema haddiema kellhom eventwalment jiehdu hsieb il-latrini pubblici fil-lokalita'.

04/02/01 Is-Seduta spiccat fis-1:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda

**Horace Gauci**
**Sindku**

Data: 3/7/15

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**